## 26 ta' Mejju, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Debono

**Attruppament — Danneġġjament — Telegrafu — Telefon — Korreità — "Ejusdem Generis Rule" — Art. 68 u 340 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali dwar it-telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew bla fili, tapplika anki għat-telefon, b'mod li hu ħati tad-delitt kontemplat mill-liġi għarrigward tat-telegrafu, anki min jikkommetti qtugħ, ksur, twaqqiegħ, jew għemil ieħor ta' ħsara lill-wires tat-telefon tal-Gvern, u b'hekk iżomm jew ifixkel b'xi mod il-mogħdija minn banda għall-oħra ta' messaġġi.*

*Kieku l-kwistjoni kellha tiġi affrontata biss fuq argumenti teoretiċi, u trattandosi ta' dispożizzjoni kriminali, it-telefon ma kienx ikun kompriż; imma l-liġi stess tikkontjeni definizzjoni li tikkomprendi anki t-telefon; u allura, di fronti għal dispożizzjoni nterpretattiva tal-liġi stess li tikkontempla r-reat, ma jistgħax ikun hemm kwistjoni, u għandu jiskot kull argument.*

*Jekk dan ir-reat ikun sar waqt attruppament, dan ir-reat għandu jiġi eżaminat u valjat apparti mill-attruppament. Iżda xejn ma tiswa l-allegazzjoni tal-imputat illi, meta hu aġixxa, it-telefon kien ġa maqtugħ, jekk bl-applikazzjoni tal-"ejusdem generis rule" l-attijiet tal-imputat kienu tali li jġibu l-effett fuq imsemmi.*

*Jekk kien hemm l-attruppament, u din iċ-ċirkustanza tal-attruppament ma ġietx dedotta kontra l-imputat, dan ma jeskludix (apparti l-attruppament) l-applikazzjoni ta' prinċipji oħra ġenerali ta' mputabbilità kriminali; għax jista' jkun wieħed mill-każijiet ta' korreità, li fih l-unità tal-azzjoni kriminuża tikkommunika ruħha lil dawk kollha li jkunu qegħdin jaġixxu xjentement, għax l-attijiet kienu*

*kollha diretti għall-istess skop. Jekk l-imputat, li kien qiegħed jara kollox, għażel li jassoċja ruħu, huwa ġibed fuqu l-piż tal-korreità f'dik l-azzjoni kriminuża unika li biha ġiet interrotta l-kommunikazzjoni telefonika.*

*Lanqas ma jiswa lill-imputat, biex jeħles mir-responsabbiltà tal-attruppament, il-fatt li talvolta, għalkemm fil-bidu hu kien f'ġemgħa ta' aktar minn għaxra bi ħsieb kriminuż, in segwitu uħud minnhom ma kompleux u l-ħsara saret meta l-imputat u l-oħrajn li ħadu parti kienu anqas minn għaxra; għax b'daqshekk il-pożizzjoni ġuridika ma titbiddelx; għax malli dawk in-nies iddeċidew li jagħmlu reat, l-attruppament llegali kien ġa konsumat, u għalhekk hu indifferenti li mbgħad l-eżekuzzjoni materjali tal-ħsieb kriminuż issir minn ftit u mhux minn kullħadd.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imsemmi Debono fin-nota tal-Attorney General tas-16 ta' Mejju 1958;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, u ċjoè fuq l-imputazzjoni illi fit-28 ta' April 1958 ħa parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt saru; u ċjoè (a) il-qtugħ, ksur, twaqqiegħ jew għemil ta' ħsara oħra lill-"wires" tat-telefon tal-Gvern f'Gavino Gulia Square, Bormla, liema għemil żamm jew fixkel b'xi mod il-mogħdija minn banda għall-oħra ta' messaġġi; (b) it-tqegħid ta' ġebel u materjal ieħor fi trieq publika f'Bormla, b'mod li jiġi mpedut jew imfixkel il-passaġġ liberu tan-nies u tat-traffiku; (ċ) il-ksur tal-bon ordni u kwiet tal-publiku f'Bormla u bnadijiet oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta taż-17 ta' Mejju 1958, li biha sabet lill-imputat ħati (1) talli volontarjament qata' u ddistruġġa u għamel ħsara f'fili li jagħmlu parti minn telegrafu elettriku, u b'hekk fixkel il-mogħdija minn banda għall-oħra ta' messaġġi; (b) talli ħa parti attiva f'attruppament ta' aktar minn għaxra b'l-iskop li jingumbraw it-trieq publika, bi xkiel u inkomodu ta' nies oħra, kontravvenzjoni li fil-fatt saret; u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien erbgħa xhur u

nofs; u peress illi b'din il-kundanna l-imputat kiser l-obligazzjoni minnu assunta in segwitu għas-sentenza tat-22 ta' Mejju 1956, li biha ġie misjub ħati ta' truffa ta' anqas minn £3, dik il-Qorti, wara li rat l-oriġinal tal-obligazzjoni u aċċertat l-identità tal-imputat, u wara li rat l-art. 322 u 324 (1) (c) tal-Kodiċi Kriminali, u l-art. 520 u 23 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għal dan ir-reat, li tiegħu kien ġie misjub ħati b'dik is-sentenza, għall-lavori forzati għal żmien xahar;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata fis-sens li jiġi applikat biss id-dispost tal-art. 341 tal-Kodiċi Kriminali u tal-art. 33 (j) tal-Liġijiet tal-Pulizija, mingħajr l-applikazzjoni tal-art. 67 (2) (3) tal-Kodiċi Kriminali, u per konsegwenza li tiġi ridotta l-piena;

Trattat l-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati (a) tar-reat taħt l-art. 340(1) (e) Kod. Krim., (b) tar-reat taħt l-art. 68(2) (3) Kod. Krim. b'riferenza għall-art. 33 (j) tal-Liġijiet tal-Pulizija, u (ċ) ikkundannatu għar-reat li tiegħu kien instab ħati fl-1956, skond is-sentenza li hemm in kopja fol. 12 tal-proċess, stante li bil-kommissjoni ta' dawn ir-reati ta' issa hu kiser l-obligazzjoni li kien assuma meta, qabel, kien ġie liberat taħt l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

Minn dan jidher li d-difiża kienet taħt impressjoni żbaljata meta talbet l-esklużjoni tal-art. 68 dwar l-attruppament anki għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni; għax fil-fatt, ir-reat ta' attruppament ma ġiex dedott in konnessjoni mar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni;

Ikkunsidrat, kwantu għall-ewwel imputazzjoni;

L-art. 340(1) (e) Kap. 12. li taħtu nġiebet din l-imputazzjoni, jirriferixxi għal "telegrafu, elettriku jew manje-

tiku, bil-fili jew mingħajr fili". Fil-każ in ispeċje si tratta ta' "wires" tat-"Telefon"; u għalhekk ġiet sollevata l-kwistjoni jekk il-kelma "telegrafu" fl-artikolu in kwistjoni tikkomprendix anki t-"telefonu";

Kieku ma kienx hemm iċ-ċirkustanza deċiżiva li sejra tissemma, u kieku l-pont kellu jiġi affrontat biss fuq argumenti teoriċi, din il-Qorti, *trattandosi ta' dispożizzjonijiet* kriminali, ma kienetx, "in odiosis", *tirritjeni* t-telefonu kompriż. Iżda, meta din il-Qorti għamlet l-istudju eżeġetiku tal-liġi, sabet li *hemm* "fil-liġi stess" definizzjoni tal-kelma "telegrafo", li tikkomprendi anki t-telefonu. U ċertament, di *fronti* għal dispożizzjoni nterpretattiva tal-liġi stess li tikkontempla r-reat, ma jistgħax ikun hemm kwistjoni, u għandu jiskot kull argument;

*Id-dispożizzjoni* issa "in *kommento*" (l-art. 340 (1) (e)) ma kienetx fil-Kodiċi Kriminali *oriġinarjament*, u ġiet introdotta bl-Ordinanza No. I tal-1904, ċjoè bl-art. 51 ta' dik l-Ordinanza. Issa, din il-liġi tal-1904 *ma* kienetx biss liġi emendanti, imma kellha natura dupliċi — "substantive law" u "amending law". Infatti, hi kienet intiża biex temenda u tikkonsolida l-liġijiet relattivi għal telegrafi elettriċi u biex temenda l-Liġijiet Kriminali. L-art. 51, li bih ġiet introdotta d-dispożizzjoni li taħtha saret l-ewwel imputazzjoni (allura, s'intendi, numerat diversament), kien parti ta' din l-Ordinanza. Dan hu l-pont deċiżiv; għaliex f'dik l-Ordinanza, u *preċiżament fl-ewwel artikolu tagħha*, kien jingħad fit-test uffiċjali ta' allura:— "In questa Ordinanza la parola "telegrafo" significa qualunque opera destinata alla trasmissione e ricezione di messaggi da un luogo ad un altro per mezza di uno e più fili metallici, e qualunque opera o apparato destinato alla trasmissione di messaggi o altre communicazioni per mezzo di segnali elettrici". Hu ovvju li taħt l-ewwel parti ta' din id-definizzjoni jidħol it-telefonu, u taħt it-tieni parti t-telegrafu;

Issa, meta f'din il-klawsola nterpretattiva ntqal "in *questa Ordinanza*", *kien qiegħed jiġi kompriż anki* l-art. 51 ta' dik l-istess Ordinanza, *li kien appuntu* l-artikolu l-lum 340(1) (e) li taħtu hemm l-imputazzjoni. Vwoldiri li bil-liġi stess, li biha ġiet *introdotta* din id-dispożizzjoni, il-kel-

ma "telegrafo" ġiet interpretata leġislattivament b'mod li tikkomprendi t-telefonu. U biex ma jkunx hemm ebda diffikultà, fl-art. 55 ta' dik il-liġi ntqal illi ċ-ċitazzjoni tal-art. 325 (il-lum 340 — ara Tavola Komparativa fir-Revised Edition, Vol. I paġ. CCXX) timporta "la citazione di quell' articolo come sopra emendato", vwoldiri kif interpretat b'dik l-istess liġi. Il-lum, kif jidher mill-Indiċi Kronoloġiku fl-Ewwel Volum tal-Ediz. Riv. paġ. XCIX, l-Ordinanza tal-1904 fuq imsemmija ġiet emendata, u in segwitu revokata, bl-Ordinanza XXIV tal-1934, Kap. 125, u l-art. 325 (introdott bl-art. 51 tal-Ordinanza tal-1904) jinsab fil-Kodiċi Kriminali. Id-definizzjoni tal-liġi tal-1904, però, ġiet mantenuta fil-liġi tal-1934 Kap. 125 (art. 2);

Kożikkè jiġi li, "bil-liġi stess" li biha ġiet *introdotta* fil-Kodiċi d-dispożizzjoni li taħtha jinsab addebitat dan ir-reat, il-kelma "telegrafu" ġiet magħmula tikkomprendi anki t-"telefonu"; u, kif ingħad, id-definizzjoni tal-liġi stess fejn hemm l-artikolu, taqta' kull kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-materjalità ta' dan ir-reat, id-difiża ssottomettiet li l-imputat ma jistgħax jinsab ħati taħt l-inċiż (e) tal-art. 340, għaliex it-"telephone" kien diġà maqtugħ meta aġixxa l-imputat, u għalhekk ma kienx hu li mpedixxa t-trasmissjoni tal-messaġġi;

F'dan il-każ, kif ġie rilevat, il-fatt ma hux imputat lill-appellant bħala fatt kommess f'attruppament, ċjoè fil-kors tal-kommissjoni tar-reat taħt l-art. 68, u għalhekk għandu jiġi eżaminat u valjat l-att tiegħu apparti mill-attruppament. Meta wieħed jirrifletti fuq l-aħħar kliem ta' dak l-inċiż (e), ċjoè l-kliem "jagħmel xi ħaġa li żżomm jew tfixkel b'xi mod ieħor il-mogħdija minn banda għall-oħra ta' messaġġi", u jimxi fuq l-"ejusdem generis rule", għandu jiġi aktarx għall-konklużjoni li kull wieħed mill-attijiet diversi ndikati f'dak l-inċiż għandu jkun tali li jġib dak l-effett;

Issa, għalkemm iċ-ċirkustanza tal-attruppament ma għandhiex titqies, għax mhix dedotta, però dan ma jesklu-

dix l-applikazzjoni (apparti l-attruppament) ta' prinċipji oħra ġenerali ta' l-imputabbilità kriminali. L-imputat qal hekk:— "Kien hemm ġemgħa ta' nies miġbura fil-pjazza. X'ħin wasalt jien, wieħed raġel xejjer żbandola għal fuq xi wires li kienu għaddejjin minn fuq il-pjazza u rnexxielu jgħaddiha minn fuq xi wires minnhom. Mbgħad xi nies mill-folla, min jaqbad u min jitlaq, bdew iġebbdu l-iżbandola mit-tarf tal-ħabel biex b'hekk iqaċċtu l-wires. In-nies bdew jiġbdu l-ħabel u irnexxielhom iqaċċtu u jdendlu xi wires. Wara li l-wires kienu tqaċċtu, u ddendlu, jiena ġbidt ukoll xi ftit il-ħabel, iżda ma għamiltx aktar ħsara milli kien hemm ħsara, ħlief li xi wire iżżaqqaq ftit aktar milli kien";

Issa, dan hu appuntu, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, wieħed mill-każijiet ta' korreità, li fih, kif jesprimi ruħu r-Roberti, fit-trattat tiegħu ta' Dritt Kriminali, awtur dan li eżerċita ħafna nfluwenza fuq is-sistema kriminali malti, "l'unità dell'azione criminosa" tikkommunika ruħha fil dawk kollha li jkunu qegħdin jaġixxu xjentement, ladarba l-attijiet huma kollha diretti għall-istess skop (Parte Prima, Tit. 2, Capo V, Sez. 1, nri. 530 et seq.). L-imputat, "ex confessis", kien qiegħed jara dak kollu li kien qiegħed isir u għażel li jassoċja ruħu, u għalhekk ġibed fuqu l-piż tal-korreità f'dik l-azzjoni kriminuża unika li biha ġiet interrotta l-kommunikazzjoni telefonika. Għalhekk, xejn ma hemm x'jiġi modifikat fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti għarrigward ta' din l-ewwel imputazzjoni;

Ikkunsidrat, kwantu għat-tieni imputazzjoni;

Mill-konfessjoni tal-imputat jirriżulta illi, wara l-fatt ta' filgħodu, u ċjoè, wara nofsinhar, l-imputat u nies oħra, xi għoxrin b'kollox, marru Bormla, fit-trieq fejn jgħaddu l-karrozzi tal-linja, dak inhar ta' li-strike, u poġġew ġebel fit-trieq biex ma jgħaddux il-karrozzi. Fli-"statement" l-imputat qal:— "Kullħadd minn dawk li konna poġġa xi ġebel, min ftit u min wisq, iżda jien b'kollox poġġejt xi erbgħa jew ħames ġebliet". Ma hemm ebda raġuni ta' bonsens biex wieħed jaħseb li l-imputat f'dan li-"statement" li għamel lill-Pulizija (fol. 7), li ġie lilu moqri u minnu approvat bl-affissjoni tal-kroċesenju, ried, kuntrarja-

ment għal kwalunkwe istint ta' awtodifeża, jgħabbi lilu nnifsu b'aktar milli fil-fatt għamel. Meta xehed fil-kawża, għal-raġunijiet faċilment komprensibbli in vista tal-imputazzjoni ta'-attruppament, li tirrikjedi l-konkors ta' almenu għaxra minn nies, l-imputat ipprova jbiddel din il-versjoni, billi qal:— "Konna xi għoxrin bil-fehma li ngħalqu t-trieq; però waqafna xi ħamsa npoġġu l-ġebel, u l-oħrajn baqgħu sejrin". Osserva għap-propożitu ta' dan il-pont assennatament, il-Maġistrat in prima istanza, li b'daqshekk il-pożizzjoni ġuridika ma tbiddletx; għaliex, malli dawk l-għoxrin minn nies iddeċidew li jagħmlu r-reat, l-attruppament illegali kien ġa konsumat (ara art. 68 (1) ibidem); u għalhekk hu indifferenti li mbgħad l-eżekuzzjoni materjali tal-ħsieb kriminuż issir minn ftit u mhux minn kullħadd;

Ikkunsidrat;

Id-difiża lmentat ukoll mill-piena ta' xahar mogħtija mill-Ewwel Qorti għar-rigward tar-reat ta' qabel. Hu diffiċili li wieħed, anki bil-bwona volontà kollha, japprezza dan l-ilment meta jqies li l-maximum tal-piena hu ta' tliet xhur, u għalhekk fil-fatt ġie applikat biss it-terz tal-piena; molto pjù li l-fedina penali tal-imputat, fol. 8 et seq., ma tantx setgħet involjat il-Maġistrat għal klemenza eċċessiva, in kwantu li dik il-fedina ma tikkontjenix biss, kif donnu ssuġġerixxa d-difensur, kontravvenzjonijiet tekniċi li faċli jaqa' fihom konduttur ta' char-a-banc, imma tikkontjeni wkoll imputazzjonijiet li fil-kumpless u reiterazzjoni tagħhom juru karattru non-kuranti tal-bon ordni publiku;

Id-difiża rriferiet ruħha wkoll għal dik il-parti tal-provi li turi li l-imputat, aktar tard, wara li kien ġa kkommetta r-reati fuq imsemmijin, għin lill-ispettur biex isammar it-tieqa tal-Għassa u mar ma' missieru biex jieħu xi ikel lill-Pulizija. Jekk din iċ-ċirkustanza qegħedha tissemma bħala resipixxenza tardiva tal-imputat (apparti motivi oħra li seta' kellu), din il-Qorti hi żgura li l-Maġistrat meta ġie biex iqies il-piena, ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li deherlu xierqa li għandhom jitqiesu;

*Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tiċħad* l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fil-meritu u fil-piena;

Fl-espjazzjoni tal-piena għandu jiġi komputat il-perijodu tal-karċerazzjoni tal-imputat mis-sentenza tal-prima istanza l-hawn.